Nru./No. 20,395
Prezz/Price
€2.16

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 28 ta' April, 2020
Tuesday, 28th April, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3537 - 3551
Government Notices ..... *3537 - 3551*

Avviżi lill-Baħħara ..... 3551 - 3552
Notices to Mariners ..... *3551 - 3552*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 3552 - 3555
Employment Opportunities ..... *3552 - 3555*

Avviżi tal-Gvern 3555
Notices *3555*

Offerti ..... 3556 - 3563
Tenders ..... *3556 - 3563*

Avviżi tal-Qorti ..... 3563 - 3580
Court Notices ..... *3563 - 3580*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 422

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva t-tiġdid tal-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja ta' Dott. Matthew Brincat għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-15 ta' Frar, 2020, u l-ħatra ta' Dott. Deborah Farrugia u ta' Dott. Martha Mifsud bħala Kummissarji għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-3 ta' April, 2020.

It-28 ta' April, 2020
(MJCL/67/2017)

Nru. 423

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,391 tal-21 ta' April, 2020, u Nru. 20,394 tal-24 ta' April, 2020, rispettivament.

A.L. 147 tal-2020: Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382); Regolamenti tal-2020 dwar Ħlas iktar tard tad-Dazju tas-Sisa Pagabbli fix-Xhur ta' April u ta' Mejju 2020.

A.L. 148 tal-2020: Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389); Regolamenti tal-2020 dwar is-Sospensjoni tal-Korsijiet għat-Tiġdid tal-Liċenzji tal-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità.

A.L. 149 tal-2020: Att dwar l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (Kap. 582); Regolamenti tal-2020 dwar il-Kontinwazzjoni tas-Servizzi Essenzjali ta' Ħarsien Soċjali, f'Ċirkostanzi Eċċezzjonali.

A.L. 150 tal-2020: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni).

A.L. 151 tal-2020: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali).

A.L. 152 tal-2020: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iżvilupp tal-Ħiliet.

GOVERNMENT NOTICES

No. 422

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is being notified for general information that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the renewal of appointment as Commissioner for Justice of Dr Matthew Brincat for a period of two years with effect from the 15th February, 2020, and the appointment of Dr Deborah Farrugia and that of Dr Martha Mifsud as Commissioners for Justice for a period of two years with effect from the 3rd April, 2020.

28th April, 2020

No. 423

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,391 of the 21st April, 2020, and No. 20,394 of the 24th April, 2020, respectively.

L.N. 147 of 2020: Excise Duty Act (Cap. 382); Deferment of Excise Duty payable during the Months of April and May 2020 Regulations, 2020.

L.N. 148 of 2020: Private Guards and Community Officers Act (Cap. 389); Suspension of Private Guards and Community Officers Courses for Renewal of Licences Regulations, 2020.

L.N. 149 of 2020: Social Care Standards Authority Act (Cap. 582); Continuation of Essential Social Welfare Services in Exceptional Circumstances Regulations, 2020.

L.N. 150 of 2020: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); General Authorisations (Radiocommunications Apparatus) (Amendment) Regulations, 2020.

L.N. 151 of 2020: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Electronic Communications Networks and Services (General) (Amendment) Regulations, 2020.

L.N. 152 of 2020: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Skills Development (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 153 tal-2020: Att dwar l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (Kap. 582); Regolamenti tal-2020 dwar it-Twaqqif ta' Uffiċċju tal-Infurzar fi ħdan l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali.

L.N. 153 of 2020: Social Care Standards Authority Act (Cap. 582); Enforcement Office within the Social Care Standards Authority (Establishment) Regulations, 2020.

A.L. 154 tal-2020: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Plant Quarantine (National Certification Scheme) Regulations, 2020*.

L.N. 154 of 2020: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Plant Quarantine (National Certification Scheme) Regulations, 2020.

A.L. 155 tal-2020: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Użu ta' Frekwenzi (Għoti ta' Servizzi Satellitari Mobbli ta' 2GHz).

L.N. 155 of 2020: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Authorisation of Frequency Use (Provision of 2GHz Mobile Satellite Services) (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 156 tal-2020: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta.

L.N. 156 of 2020: Public Administration Act (Cap. 595); Malta Residency Visa Agency (Establishment) (Amendment) Order, 2020.

A.L. 157 tal-2020: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta (Emenda Nru. 2).

L.N. 157 of 2020: Public Administration Act (Cap. 595); Malta Residency Visa Agency (Establishment) (Amendment No. 2) Order, 2020.

A.L. 158 tal-2020: Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd.

L.N. 158 of 2020: Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425); Fishing Vessels (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 159 tal-2020: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Vegetable Species (Amendment) Regulations, 2020*.

L.N. 159 of 2020: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Vegetable Species (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 160 tal-2020: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Agricultural Plant Species (Amendment) Regulations, 2020*.

L.N. 160 of 2020: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Agricultural Plant Species (Amendment) Regulations, 2020.

A.L. 161 tal-2020: Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188); Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Reppublika ta' Malta.

L.N. 161 of 2020: Maltese Citizenship Act (Cap. 188); Individual Investor Programme of the Republic of Malta (Amendment) Regulations, 2020.

It-28 ta' April, 2020

28th April, 2020

Nru. 424

No. 424

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

Il-MINISTRU għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi għoġbu japprova l-promozzjoni tal-Uffiċjali hawn taħt għar-rank ta' Maġġur b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

THE MINISTER for Home Affairs, National Security and Law Enforcement had the pleasure to approve the promotion of the undermentioned Officers to the rank of Captain with effect from the date as shown against their names.

Logutenent Grixti Keith	29 ta' April 2020
Logutenent Zammit Joseph Paul	29 ta' April 2020
Logutenent Zammit Luke Andrew	29 ta' April 2020
Logutenent Scerri Maverick	29 ta' April 2020
Logutenent Marshall Keith	29 ta' April 2020

Lieutenant Grixti Keith	29th April 2020
Lieutenant Zammit Joseph Paul	29th April 2020
Lieutenant Zammit Luke Andrew	29th April 2020
Lieutenant Scerri Maverick	29th April 2020
Lieutenant Marshall Keith	29th April 2020

L-28 ta' April, 2020

28th April, 2020

Nru. 425

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali bejn is-27 ta' Jannar, 2020, u t-18 ta' Mejju, 2020:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Munxar	Kimberley Spiteri

It-28 ta' April, 2020

No. 425

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council between 27th January, 2020, and 18th May, 2020:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Munxar	Kimberley Spiteri

28th April, 2020

Nru. 426

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali b'seħħ mit-23 ta' April, 2020:

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Munxar	Ryan Debrincat

It-28 ta' April, 2020

No. 426

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 23rd April, 2020:

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
Munxar	Ryan Debrincat

28th April, 2020

Nru. 427

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 427

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guards

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Graziella Maktouf	418285M	Blk E, Bieb B, Flat 10, Triq Tal-Mitħna, Il-Gudja
Emiliana Cordina	188576M	25, Daienu, Triq is-Sebħ, Il-Marsa
Charlton Mario Xerri	426090M	11, Dar in-Nanniet, Triq il-Lampuka, Iż-Żebbuġ, Għawdex

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-28 ta' April, 2020

Nru. 428

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija ta' Formazzjoni ta' Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta':

Triq ix-Xagħra tal-Knisja, L-Imġarr (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3542).

Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli, Il-Mosta (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3543).

Triq il-Wied, Paola (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3544).

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

28th April, 2020

No. 428

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq ix-Xagħra tal-Knisja, L-Imġarr (indicated on the site plan on page 3542).

Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli, Il-Mosta (indicated on the site plan on page 3543).

Triq il-Wied, Paola (indicated on the site plan on page 3544).

Triq il-Brunżar, Santa Venera (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3545).

Triq Batu, Ħaż-Żebbuġ (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3546).

Sqaq Barċellona, Iż-Żurrieq (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3547).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mis-27 ta' April, 2020, sal-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq ix-Xagħra tal-Knisja, L-Imġarr, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mis-27 ta' April, 2020, sat-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli, Il-Mosta, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mis-27 ta' April, 2020, sat-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Wied, Paola, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mis-27 ta' April, 2020, sat-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Brunżar, Santa Venera, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mis-27 ta' April, 2020, sat-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Batu, Ħaż-Żebbuġ, minħabba xogħlijiet fit-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li mis-27 ta' April, 2020, sat-31 ta' Diċembru, 2020, ħadd ma jista' jipparkja fi Sqaq Barcellona, Iż-Żurrieq, minħabba xogħlijiet fit-triq.

Ħadd ma jista' jipparkja vetturi f'dawn il-ġranet. Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' April, 2020

Triq il-Brunżar, Santa Venera (indicated on the site plan on page 3545).

Triq Batu, Ħaż-Żebbuġ (indicated on the site plan on page 3546).

Sqaq Barċellona, Iż-Żurrieq (indicated on the site plan on page 3547).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with their obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 27th April, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq ix-Xagħra tal-Knisja, L-Imġarr, due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 27th April, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Sqaq Madre Maria Teresa Spinelli, Il-Mosta, due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 27th April, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq il-Wied, Paola, due to road works.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 27th April, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq il-Brunżar, Santa Venera, due to road works.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 27th April, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Triq Batu, Ħaż-Żebbuġ, due to road works.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that from 27th April, 2020, to 31st December, 2020, no parking will be permitted in Sqaq Barcellona, Iż-Żurrieq, due to road works.

Parking of vehicles is not allowed during these days. Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

28th April, 2020



INFRASTRUCTURE MALTA	UNIT NAME: REGIONS	DRAWING TITLE: MGARR	
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi	HEAD OF UNIT: D.VASSALLO	TRIQ IX-XAGHRA TAL-KNISJA (Extents of Works are not binding but indicative)	
N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Mgarr.dwg	PROJECT LEADER: -	DATE: FEBRUARY 2019 / FILE NO: - / DRAWING NO: RD140/19	
	DRAWN BY: A.S.	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: A / PAGE NO: 3	




INFRASTRUCTURE MALTA

ACTING CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing Fredrick Azzopardi			PROJECT TITLE: IL-MOSTA		
ARCHITECT: -			DRAWING TITLE: TRIQ MADRE TERESA SPINELLI SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
CHECKED BY: -	DATE: MARCH 2019	FILE No: -	DRAWING No: RD217/19		
DRAWN BY: L.B.	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: A	SHEET No: 7	

PROJECT No.: -

Comp. Path : N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Mosta\2019 Mosta.dwg




INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Alterations	Drawn	Checked	Approved	Date
J					
I					
H					
G					
F					
E					
D					
C					
B					
A	*				

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Paola\2019 Paola.dwg

UNIT NAME: REGIONS	DRAWING TITLE: PAOLA TRIQ IL-WIED SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)			
HEAD OF UNIT: D.VASSALLO				
PROJECT LEADER: -	DATE: FEB 2019	FILE NO: -		DRAWING NO: RD/181/19
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: -	PAGE NO: 1




INFRASTRUCTURE MALTA

Revision	Alteration	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER:
Ing. Fredrick Azzopardi

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Santa Venera\2019 Santa Venera.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: SANTA VENERA TRIQ IL-BRUNZAR SITE PLAN (Extents of works aren't binding but Indicative)		
HEAD OF UNIT: L.D.			
PROJECT LEADER: -	DATE: DEC 2019	FILE NO: -	DRAWING NO: RD/388/19
DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A4	SCALE: 1:2500	REVISION: -	PAGE NO: 7



INFRASTRUCTURE MALTA

J				
I				
H				
G				
F				
E				
D				
C				
B				
A	-			
Issue	Alteration	Drawn	Checked	Approved	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi

N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Zebbug\2019 Zebbug.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: L.D.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: HAZ -ZEBBUG

TRIQ BATU SITE PLAN

(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
DEC 2019	-	RD391/19

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	-	3



INFRASTRUCTURE MALTA	CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi	UNIT NAME: REGIONS	DRAWING TITLE: ZURRIEQ SQAQ BARCELONA SITE PLAN Extends of works aren't binding but indicative
	COMPUTER PATH:N:\Design\Common Area\Traffic Management\2019\Zurrieq	HEAD OF UNIT: DAVID VASSALLO	
		PROJECT LEADER: -	DATE: FEB 2019 / FILE NO: - / DRAWING NO: RD85/19
		DRAWN BY: K.Z	SHEET SIZE: A4 / SCALE: 1:2500 / REVISION: - / PAGE NO: 3

Nru. 429

ATT XXI TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354) U ATT XVI TAl-2003 DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Reġistri Elettorali

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, kif emendat bl-Att XV tal-1996, qed jiġi ppubblikat ir-Reġistru Elettorali rivedut ma' din il-Gazzetta.

Qiegħed jiġi ppubblikat mal-istess Gazzetta, skont l-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, ir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea.

It-28 ta' April, 2020

No. 429

GENERAL ELECTIONS ACT XXI , 1991 (CAP. 354) AND ACT XVI OF 2003 FOR ELECTIONS TO THE EUROPEAN PARLIAMENT (CAP. 467)

Electoral Registers

IN accordance with the provisions of section 33 of the General Elections Act 1991, as amended by Act XV of 1996, a revised Electoral Register is published with this Gazette.

Also being published with this Gazette, according to section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003, is the European Union Electoral Register.

28th April, 2020

Nru. 430

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ippjanar b'din tiddikjara li l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt qegħdin jiġu inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata (kif indikat fil-mapep f'paġni xxxx u xxxx), skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ġej:


Mappa 1 (Nru. 1)	Iż-Żona li tinsab wara l-Knisja tal-Madonna ta' Fatima	Triq Santa Monika	Tal-Pietà	Grad 1
Mappa 1 (Nru. 2)	Iż-Żona li tinsab wara Nri. 13, 14, Casa Guardamangia	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Grad 1
Mappa 1 (Nru. 3)	Iż-Żona li tinsab wara Nru. 64, Appartament 1 u 2, Villa Calypso	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Grad 2
Mappa 1 (Nru. 4)	Iż-Żona li tinsab wara Nri. 52, 54, 56, 58, 60, 62	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Grad 2
Mappa 1 (Nru. 5)	Iż-Żona li tinsab wara Nri. 46, 48, Cassar	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Grad 2
Mappa 1 (Nru. 6)	Iż-Żona li tinsab wara Dar Ida	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Grad 2
Mappa 1 (Nru. 7)	Nru. 28	Telgħet Gwardamanġa	Tal-Pietà	Grad 3
Mappa 2	Nru. 210	Triq id-Dejqa	Il-Belt Valletta	Grad 2

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

It-28 ta' April, 2020

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to Scheduled Property.

28th April, 2020



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000

Title:

Scheduling of Property

Tal-Pieta'

Legend:

New scheduling

1. Area at the back of Our Lady of Fatima Parish Church - Grade 1

Properties in Telghet Guardamanga

2. Area at the back of Casa Guardamanga - Grade 1
3. Area at the back of Nru. 64, Flat 1 and Flat 2, & Villa Calypso - Grade 2
4. Area at the back of Nri. 52-62 - Grade 2
5. Area at the back of Nri. 46, 48, Cassar - Grade 2
6. Area at the back of Dar Ida - Grade 2
7. Nru. 28 - Grade 3

Properties already scheduled as per GN 0349/01 dated 20.04.01

Ref. No.: GF 5287/02 Map No.: 1


N
TRIQ MEI
0
0.0075
0.015
0.03
km
PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Nru. 210
Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta
Legend:
Nru. 210
Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta
Grade 2
Ref. No.: GF 0215/07
Map No.: 2

Nru. 431

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
28.4.2020	€52.075	€0.489

It-28 ta' April, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 23 tal-2020

Tluq tar-Rigg taż-Żejt ENSCO 5004

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li r-rigg ENSCO 5004 telaq mill-pożizzjoni:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35º 45'.00	014º 30'.00

Avviżi lill-Baħħara Nri 17 u 19 tal-2020 huma għalhekk IKKANĊELLATI.

Pożizzjoni b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA 2538, 194

It-28 ta' April, 2020

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 24 tal-2020

B'żieda għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 12 tal-2020 Rigward Tiswijiet ta' Cable - Interconnector Submarine Cable Malta-Sqallija

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'żieda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 12 tal-2020 rigward Tiswijiet ta' Cable - Interconnector

No. 431

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
28.4.2020	€52.075	€0.489

28th April, 2020

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 23 of 2020

Departure of Oil Rig ENSCO 5004

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the oil rig ENSCO 5004 has departed from the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 45'.00	014º 30'.00

Notices to Mariners Nos 17 and 19 of 2020 are hereby CANCELLED.

Position is referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA 2538, 194

28th April, 2020

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 24 of 2020

Further to Notice to Mariners No. 12 of 2020 Regarding Cable Repairs - Malta-Sicily Interconnector Submarine Cable

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, informs mariners that further to Notice to Mariners No. 12 of 2020 regarding Cable Repairs - Malta-Sicily Interconnector

Submarine Cable Malta-Sqallija, l-irdim tal-cable li se jsir mill-bastiment M/V Polar King se jibda nhar it-Tlieta, 28 ta' April, 2020, u huwa mistenni jitlesta sat-Tnejn, 4 ta' Mejju, 2020, jekk jippermetti t-temp.

L-irdim se jsir tul iż-żewġ meded minn A sa B u minn C sa D:

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	36° 33'.278	014° 30'.933
B	36° 30'.586	014° 31'.088
C	36° 16'.620	014° 33'.572
D	36° 16'.083	014° 33'.529

Minħabba li l-bastiment se jagħmel operazzjonijiet taħt l-ilma, se jkun ristrett fl-immanuvrar tiegħu.

Il-baħħara huma ordnati biex ibaħħru b'kawtela meta l-bastiment imsemmi hawn fuq jintlemaħ u jżomm distanza sigura ta' 1.0 mil nawtiku mill-bastiment.

Charts affettwati: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 u Int. 4301

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

It-28 ta' April, 2020

AWTORITÀ TAL-ISTATISTIKA TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal tal-Istatistika

Permess tal-Jobsplus 124/2016
Jobsplus Vacancy (304149)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal tal-Istatistika mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegat prospettiv ikun jagħmel parti minn waħda mid-diversi sezzjonijiet tal-Uffiċċju, skont il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-impjegat u l-eżiġenzi tal-Uffiċċju.

1.1 Din is-sejħa hija opportunità eċċezzjonali għal kandidati bi sfond ta' esperjenza edukattiva fl-Istatistika, fil-Matematika u/jew fl-Ekonomija.

1.2 Minbarra livell eċċellenti fil-ħila tal-komunikazzjoni interpersonali, il-kandidati magħżula għandhom ikollhom ħila ta' natura akkurata fl-analiżi numerika.

Submarine Cable, the burial of the cable being carried out by the vessel M/V Polar King will commence on Tuesday 28th April, 2020, and is expected to be completed by Monday 4th May, 2020, weather permitting.

The burial will be held along the following 2 stretches from A to B and from C to D:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36° 33'.278	014° 30'.933
B	36° 30'.586	014° 31'.088
C	36° 16'.620	014° 33'.572
D	36° 16'.083	014° 33'.529

Since the vessel, will be conducting underwater operations, she will be restricted in her ability to manoeuvre.

Mariners are instructed to navigate with caution when the above mentioned vessel is in sight and maintain a safe distance of 1.0 nautical miles from the vessel.

Charts affected: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 and Int. 4301

Positions referred to WGS 84 DATUM

28th April, 2020

MALTA STATISTICS AUTHORITY

Post of Statistician

Jobsplus Permit 124/2016
Jobsplus Vacancy (304149)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Statistician within the National Statistics Office (NSO). The prospective employee will be deployed in horizontal or technical units according to their area of specialisation and the exigencies of the institution.

The post is a great career opportunity for prospective candidates with an academic background in Statistics, Mathematics and/or Economics.

The successful candidate must have sound numerical and analytical skills besides an excellent level of interpersonal and communication skills.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA bejn l-2017-2022, il-grad ta' Uffiċjal tal-Istatistika jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) li jibda minn €25,425, b'żidiet ta' kull sena li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li jintalab transfer intern qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-Istatistika jinkludu li:

a. Jiddisinja pjan ta' metodi u proċeduri, sabiex tinġabar l-informazzjoni minn stħarriġ u sorsi amministrattivi;

b. Jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' proċessi innovattivi għall-fini ta' ġbir tal-informazzjoni, u għodod analitiċi;

c. Jivverifika l-informazzjoni sabiex isib l-ineżattezzi, u japplika metodi statistiċi sabiex jindirizza dawn il-limitazzjonijiet;

d. Janalizza informazzjoni ekonomika, ta' negozji u dik soċjali, kemm f'totali kollettivi, kif ukoll dik mhux analizzata jew korretta;

e. Jikkontribwixxi fil-preparazzjoni u kitba ta' rapporti ta' natura statistika, sabiex jiġu ppubblikati;

f. Jgħin jibni u jżid il-fiduċja fl-istatistika, billi juża l-linji gwida tal-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika, u l-prinċipji tal-kodiċi prattiċi tal-Istatistika Ewropea;

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of Statistician falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at €25,425, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family-friendly measures such as flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

4.1 The duties of a Statistician include:

a. Designing methods and procedures for obtaining data, such as surveys and administrative sources;

b. Contributing to the development of innovative data collection and analytical tools;

c. Verifying data for inaccuracies and applying statistical methods to address such limitations;

d. Analysing data in economic, business and social fields, in both aggregate and raw form;

e. Contributing to the writing of reports and the preparation of data for publication;

f. Helping to build confidence in statistics using the guidelines of the National Statistics Office and the principles of the European Statistics Code of Practice;

g. Jidentifika l-ħtiġiet tal-klijenti, u jippreżenta xi riżultati mill-informazzjoni miġbura;

h. Jinterpreta l-analiżi tal-informazzjoni għall-fini ta' żvilupp ta' Politika Pubblika;

i. Jipparteċipa u jikkontribwixxi fir-riċerka;

j. Isegwi u jieħu sehem f'laqgħat ta' taħdit ta' natura statistika, kemm dawk nazzjonali, kif ukoll dawk internazzjonali;

k. Jesegwixxi xi dmirijiet u xogħlijiet anċillari li jistgħu jiġu assenjati mis-superjuri.

Rekwiżiti

5.0 Applikanti għal dan ir-rwol għandu jkollhom:

a. Ċertifikat fil-livell ta' MQF Livell 6 f'suġġett rilevanti fil-qasam (studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-istudji akkademiċi tagħhom u se jiggradwaw fl-aħħar tas-sena skolastika kurrenti huma eliġibbli sabiex japplikaw, diment li jiksbu ċertifikat fil-Livell 6 ta' MQF.

b. Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ċ. Kondotta tal-Pulizija nadifa.

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiki tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

Sottomissjoni ta' Dokumenti Mitluba

6.0 Applikanti għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni, curriculum vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati u traskrizzjoni tar-riżultati u l-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-data lill-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff, permezz ta' ittra elettronika jew postali, sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropejw), tal-Ġimgħa, 22 ta' Mejju, 2020.

6.1 Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'mod elettroniku f'dan l-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu "Post vakanti ta' Uffiċjal tal-Istatistika".

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO fuq (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'artiklu 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

g. Identifying client needs and presenting findings;

h. Interpreting statistical analysis for policy development;

i. Participating in and contributing to research;

j. Following and taking part in national and international statistical fora;

k. Carrying out ancillary duties as may be assigned by superiors.

Eligibility Requirements

5.0 Applicants for this post must:

a. Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 6 in a relevant subject area (Students in their last year of academic studies are also eligible to apply, subject to successful completion of their course this year, obtaining an MQF Level 6 Certificate).

b. Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language.

c. Be in possession of a clean Police Conduct.

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.0 Applicants are to send a letter of application, curriculum vitae (CV), copies of qualification certificates and transcript of results, and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development, by noon (Central European Time), of Friday, 22nd May, 2020.

6.1 Applications are to be sent electronically to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption "Vacancy for the post of Statistician".

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew referenzi għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti.

6.6 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li l-applikazzjoni tiegħu tkun waslet fil-ħin sabiex tkun proċessata mill-Bord tal-Għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati mill-Bord tal-Għażla sabiex jiddetermina humiex xierqa għal dan ix-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont artiklu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li l-Awtorità hi impenjata li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

It-28 ta' April, 2020

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

28th April, 2020

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont l-Avviż Legal 225 tal-2010

Id-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu li bi qbil mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għall-ħruġ ta' Awtorizzazzjoni 'A' u 'B' (REWS) is-sillabu l-ġdid għall-Awtorizzazzjoni A u B jiġi pospost għas-sena 2022 minflok fis-sena 2021.

It-28 ta' April, 2020

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Legal Notice 225 of 2010

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that the Regulator for Energy and Water Services for the issue of Authorisations 'A' and 'B' (REWS) agrees to postpone new Licence A and B Syllabus to 2022 instead of 2021.

28th April, 2020

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali r-Rabat jgħarraf li ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Ġorġ Borg Olivier nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2020, mid-9.00 p.m. sas-7.00 p.m. It-triq se tkun magħluqa għat-traffiku inkluż it-trasport pubbliku. Uffiċjali tal-Komunità se jkunu fuq il-post sabiex jiddevjaw it-traffiku.

It-28 ta' April, 2020

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

Ir-Rabat Local Council informs that no parking is allowed through Triq Ġorġ Borg Olivier on Tuesday, 5th May, 2020, from 9.00 a.m. till 7.00 p.m. The road will be closed for traffic including public transport. Community Officers shall be on site to divert traffic flow.

28th April, 2020

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/32/2020. Provvista u konsenja ta' static mixers għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/18/2020. Provvista, konsenja, ħatt, ikkummissjonar u taħriġ ta' forklift trucks elettriċi ġodda għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 2020, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/04/2020. Provvista u konsenja ta' pneumatic actuated PVC ball valves għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/05/2020. Provvista u konsenja ta' woltman meters (50mm - 100mm) għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/33/2020. Provvista, konsenja, installazzjoni u kummissjonar ta' micro processing horizontal based balancing machine ġdida għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 1 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/35/2020. Qafas ta' ftehim għat-tneħħija ta' materjal tal-fibreglass b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/34/2020. Tqattigħ ta' trinek u tqegħid ta' katusi fi Triq Idmejda u Triq il-Kardinal Cardijn, Ħal Balzan, għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Ġunju, 2020, għal:

Avviż Nru. WSC/T/36/2020. Tneħħija ta' liquid ammonia skaduta b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Friday, 8th May, 2020, for:

Advt No. WSC/T/32/2020. Supply and delivery of static mixers to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 11th May, 2020, for:

Advt No. WSC/T/18/2020. Supply, delivery, unloading, commissioning and training of new electric forklift trucks for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 27th May, 2020, for:

Quot. No. WSC/Q/04/2020. Supply and delivery of pneumatic actuated PVC ball valves for the Water Services Corporation.

Quot. No. WSC/Q/05/2020. Supply and delivery of woltman meters (50mm - 100mm) for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 29th May, 2020, for:

Advt No. WSC/T/33/2020. Supply, delivery, installation, commissioning and training of a brand new micro processing horizontal based balancing machine for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 1st June, 2020, for:

Advt No. WSC/T/35/2020. Framework agreement for the disposal of fibreglass material in an environmentally friendly manner for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 4th June, 2020, for:

Advt No. WSC/T/34/2020. Trenching and pipelaying at Triq Idmejda and Triq il-Kardinal Cardijn, Ħal Balzan, for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 5th June, 2020, for:

Advt No. WSC/T/36/2020. Disposal of expired liquid ammonia in an environmentally friendly manner from the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Ġunju, 2020, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/37/2020. Provvista u konsenja ta' variable speed drives and soft-starters għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom onlajn. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-28 ta' April, 2020

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2020.

Avviż Nru. 34. Kiri tale quale ta' Kjosk Kummerċjali f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Il-Mellieħa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta L.D.24/79. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €3,351 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf mija u sbatax-il ewro (€1,117) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €50 mal-iffirmar tal-kuntratt.

Avviż Nru. 35. Kiri tale quale tal-Ħanut Nru. 2 fi Blokk E, Tal-Ħawli Housing Estate, Il-Birgu muri bl-aħmar u mmarkat 'Shop No. 2' fuq il-pjanta P.D.78_80_19_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €8,385 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn seba' mija ħamsa u disgħin ewro (€2,795) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Up to 9.30 a.m. on Monday, 8th June, 2020, for:

*Advt No. WSC/T/37/2020. Supply and delivery of variable speed drives and soft-starters for the Water Services Corporation.

*Advertisement appearing for the first time

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

28th April, 2020

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 14th May, 2020.

Advt. No. 34 . Lease tale quale of a Commercial Kiosk at Misraħ iż-Żjara tal-Papa, Mellieħa as shown edged in red on plan L.D.24/79. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,351 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand one hundred and seventeen euro (€1,117) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged upon signing of the contract.

Advt. No. 35. Lease tale quale of Shop No. 2 at Block E, Tal-Ħawli Housing Estate, Birgu as shown edged in red and marked 'Shop No. 2' on the plan P.D.78_80_19_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €8,385 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand seven hundred and ninety-five euro (€2,795) per annum will not be considered.

Irid isir ħlas ta' €50 mal-iffirmar tal-kuntratt.

Avviż Nru. 36. Bejgħ tale quale ta' Sit 'C' fi Triq il-Luq li jiġi fuq wara ta' Plot Nru. 72 (qabel Plot Nru. 47) fi Triq il-Fraxxnu, Ħaż-Żabbar, muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'C' fuq il-pjanta P.D.37_81_17_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €12,750 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€127,500) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €50 mal-iffirmar tal-kuntratt.

Avviż Nru. 37. Bejgħ tale quale ta' sit ħdejn il-Fond f'Nru. 17, Triq Dun Marju, Ħal Qormi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2020_0092. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti a favur tal-proprjetajiet adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef sebgħa u tletin ewro (€4,037) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €50 mal-iffirmar tal-kuntratt.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 21 ta' Mejju, 2020.

